**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 1324/23 TA**
**Wara l-Mandat ta' Sekwestru 407/16**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Joshua Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta Joshua Zammit (ir-rikorrent) tas-17 ta' Novembru 2023.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet ġja Kummissarju tal-Artijiet (l-Awtorita' intimata) tat-28 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li dan ir-rikors tħalla' għall-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa rikors abbazi tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra*

*interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.*

*(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.*

Dan l-artikolu dejjem preżenta diffikulta' għal dawn il-Qrati għaliex fl-ewwel lok minħabba t-terminu qasir stramb ta' xahar li għandha din il-Qorti biex tiddeċiedi dan ir-rikors peress li dan ix-xahar irraġjonevolment jibda jiddekorri mill-preżentata tar-rikors. It-tieni, kien hemm xi diverġenzi dwar kif għandu jkun applikat dan l-artikolu u f'liema sitwazzjonijiet.

Sa ftit ilu l-fehma prevalenti kienet li dawn ix-xorta ta' mandati jistgħu jitħassru biss f'każ ta' inkompetenza tal-Qorti li tkun ħarġitu jew difett fil-forma. Iżda aktar riċenti l-Qrati tagħna bdew jieħdu posizzjoni anqas konservattiva u wessgħu r-raġunijiet li bis-saħħa taghħom mandat bħal dan jista' jiġi mħassar taħt l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell Ċivili tat-28 ta' Mejju, 2010, fl-ismijiet Dr. John Refalo nomine -vs- The Motor Insurance Pool** intqal hekk :-

«*Tassew illi mandat esekuttiv jista' jitħassar taħt l-art. 281 minħabba difett fil-mandat innifsu jew fil-ħruġ tiegħu, u mhux minħabba difett fit-titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu ikun inħareġ; dan ma jfissirx iżda illi d-difetti li jwasslu għat-tħassir tal-mandat jistgħu jkunu biss l-inkompetenza tal-qorti li tkun ħarġitu jew difett fil-forma. Jekk mandat jinħareġ kontra min ma huwiex debitur taħt it-titolu esekuttiv, il-mandat ikun inħareġ ħażin u din tkun "raġuni valida skont il-liġi" għala l-mandat għandu jitħassar taħt l- art. 281 għax b'hekk ma jkunx qiegħed jiġi attakkat it-titolu nnifsu iżda biss il-ħruġ tal-mandat*»

Din l-istess fehma ġiet imħaddna wkoll dan l-aħħar mill-Qorti tal-**Appell fid-digriet Vincent Gauci v. Dr. Albert Fenech mogħti fis-27 ta' Marzu, 2020**, fejn il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li hija kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda mill-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet Edward Paċe et v. Michael Sultana tal-5 ta' Mejju, 2005**.

Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att esekuttiv ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew meta jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Dan għaliex il-kliem "*għal raġuni valida skont il-liġi*" huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet.

Għalhekk biex l-affarijiet ikunu ċari, f'azzjoni taħt l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, barra li tqis jekk il-mandat inħareġ minn Qorti tajba u jekk hemmx irregolaritajiet formali fl-atti tal-mandat innifsu, hija trid tara wkoll jekk l-oġġett jew is-suġġett tal-mandat jinsabx imsaħħaħ u kopert b'titlu esekuttiv.

Skont il-mandat esekuttiv odjern l-ammont li l-intimata Awtorita riedet tikkawtela huwa ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija erbgħa u għoxrin, u tmienja u sittin ċenteżmu (€23,524.68), rappreżentati ħlas ta' arretrati ta' kera ta' Kiosk f'Marsaxlokk għall-perjodu sat-8 ta' Mejju 2015. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent isostni li dan l-ammont kien issaldaħ u li uffiċjali tal-Awtorita' dejjem wegħduħ li kienu ser joħorgu kontro-mandat iżda baqa' ma sar xejn. Skond ir-risposta tal-intimata Awtorita' dan l-ammont għadu dovut għaliex "*il-konvenut ma kienx qiegħed iwettaq l-obbligu tiegħu li jħallas dawn l-ammonti*" (a' fol 24).

Mar-rikors tiegħu r-rikorrent esebixxa numru ta' riċevuti ta' ħlas. Fir-risposta tagħha l-intimata Awtorita' ma għamlet ebda referenza għalihom u

ma hemm xejn li għandu jħasseb lil din il-Qorti li dawn ir-riċevuti ma humiex minnhom. Meta din il-Qorti għamlet addizzjoni tas-somom imħallsa mir-rikorrent skond dawn ir-riċevuti, is-somma ġiet għal tlieta u għoxrin elf, disgħa mija u tmienja u disgħin ewro u sitt ċentezmi (€23,998.06). L-aħħar riċevuta kienet għal tlett elef ewro (€3000) li tħallset fl-4 ta' Mejju 2015. Jidher pero' li seta' kien hemm bilanċ għall-perjodu bejn id-9 ta' Mejju 2015 sat-18 ta' Mejju 2016. Iżda l-ammont li qiegħed ikopri l-mandat odjern iwassal sat-8 ta' Mejju 2015, għalhekk ma jistax ikun li jekk baqa' bilanċ wara din id-data, dan kien qiegħed ikun ikkawtelat bil-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-kaz u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmi, tasal għall-konklużjoni li r-rikorrent għandu raġuni valida skont il-liġi biex jitlob it-tħassir ta' dan il-mandat.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa' it-talbiet tar-rikorrent u tordna t-tħassir tal-mandat esekuttiv numru 407/2016 fl-ismijiet premessi.

Spejjes tal-proċedura għall-Awtorita' intimata.

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Illum 11 ta' Diċembru 2023**